TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 141/14/GB

**Mary Grace Vella**

**vs**

**J & E Service Line Ltd.**

Illum 3 ta' Settembru 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-23 ta' Gunju, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' hames mija u hames Ewro (€505.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal magna tal-hasil, li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema magna tal-hasil kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Sitt xhur wara li kienet xtrat il-magna tal-hasil minghand is-socjeta' ntimata, kienet bil-hsara. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti kienet ilmentat mas-socjeta' ntimata u meta ntbaghat it-tekniku, ir-rikorrenti kienet ġiet informata illi l-'bearings' kienu bil-hsara, u wara ftit żmien is-socjeta' ntimata kienet irrangathom. Wara ftit inqas minn xahrejn, il-magna tal-hasil regghat bl-istess hsara. Din id-darba meta s-socjeta' ntimata baghtet it-tekniku, ir-rikorrenti ġiet informata li l-'bearings' kienu regghu bil-hsara u li t-tekniku ried ikellem lill-manager.

Minn hemm, ir-rikorrenti qatt ma regghat ġiet ikkuntattjata, pero' hi baqghet tigri wara s-socjeta' ntimata, fejn fl-ahhar il-manager tas-socjeta' ntimata kien qalilha li kienu diga' wissewha illi huma *jsewwu darba biss u li ghalhekk ma kienux ser jergghu jsewwu ghaliex din id-darba żgur li kien* tort tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti kienet talbet illi dan jintbaghat lilha bil-miktub, pero' dan qatt ma sehh. Ir-rikorrenti baghtet ittra reġistrata lis-socjeta' ntimata li kienet ser tiehu azzjoni.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet tliet (3) dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.MV1, Dok.MV2 u Dok.MV3.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal jikkonkludi, hekk skond il-provi prodotti, illi s-socjeta' ntimata naqqset b'mod kbir fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrenti konsumatur. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-socjeta' ntimata tiehu lura l-magna tal-hasil in kwistjoni u thallas l-ammont ta' hames mija u hames Ewro (€505.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**